# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 57 / 16RGM

Kawza fil-lista: 8

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi il-partijiet bdew johorgu flimkien ghall-habta ta' Dicembru, 2014 u cirka xahar wara, bdew jghixu flimkien fir-residenza Flat 3, Nr. 86 'Olicia Buildings',Triq Santa Maria, Sliema, proprjeta' parafernali tal-attrici, u r-relazzjoni qabel iz-zwieg kienet miexja sew;

2. Illi huma zzewgu fis-7 ta' April, 2015 f'Belgrade, is-Serbia , kif indikat fit-traduzzjoni tac-certifikat taz-zwieg fil-Marriage Registry Book, tat-territorju ta' Vosdovak , b' registrazzjoni numru 185/2015;

3. Illi dan iz-zwieg gie irregistrat f'Malta bl-Att taz-Zwieg numru 536/2015 fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta;

4. Illi bejn il-partijiet, topera il-komunjoni tal-akkwisti;

5. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;

6. Illi mill-ewwel, wara li rritornaw Malta wara z-zwieg fis-Serbia fid-dar matrimonjali suriferita, ir-relazzjoni bdiet tiddeterjora b' tort tal-konvenut, sa ma z-zwieg sfaxxa wara biss tmenin gurnata;

7. Illi filwaqt li l-attrici kienet tahdem sal-5.00pm mit-Tnejn sal-Gimgha, il-konvenut f'xoghl ghal rasu fil-kostruzzjoni, specjalizzat fix-xoghol gibsum, kien jahdem kuljum Hdud inkluzi, regolarment ghall-hinjiet ferm itwal sal-11.00pm, f'liema hin l-attrici tkun qed tipprepara biex torqod minhabba ix-xoghol taghha l-ghada b'dana li l-attrici kienet tkun dejjem mixtieqa ghall-kumpanija tal-konvenut;

8. Illi filwaqt li l-attrici kienet spiss titolbu bil-herqa biex jaghmel mezz biex isib hin liberu biex iqattghu flimkien (u anke ssuggeriet) u li tal-inqas ma jahdimx nhar ta' Hadd), huwa kien dejjem jilqaghlha li ma setghax jaghmel mod iehor minhabba x-xoghol, sa ma darba qallha wkoll "Now it's a done deal - we' r married" u b' hekk ma ghandhiex ghalfejn tippretendi aktar minnu;

9. Illi hija kienet tixtri l-ikel, issajjar u tahsillu il-hwejjeg u tara li ma jonqsu xejn, u tul il-konvivenza mibdija f'Jannar 2015 sa ma telaq mid-dar matrimonjali fil-25 ta' Gunju, 2015 kif isfel spjegat, huwa ikkontribwixxa total ta' madwar tliet mitt (€300) ghall-ispejjez generali taghhom flimkien, b'dana li kien anke jmantni lil ohtu Dusha-Lia, mizzewga Malti li jahdem barra , u lil bintha ;

10. Illi filwaqt li l-konvenut tul it-tmenin gurnata zwieg taht l-istess saqaf, ma kien assolutament isib ebda hin ghal kumpanija mal-attrici martu u biex jghinha fil-bzonnijiet taghha, huwa kien dejjem ikun dispost mill-ewwel li jakkomoda lill-ohtu ghal kull bzonn li jkollha u anke ghal okkazzjonijiet ta' divertiment, b' mod illi ghall-konvenut l-attrici kienet tigi l-ahhar u kienet tigi kwazi totalment injorata minnu;

11. Illi oltre dan l-isfond ta' nuqqas ta' attenzjoni u non kuranza tal-attrici mill-konvenut b' mod abitwali u regolari, aggravat bil-priorita' li kien jaghti lil ohtu, l-attrici hassitha ulterjorment imwarrba, mweggha u offiza meta f'zewg okkazjonijiet qabditu jiccettja fuq il-kompjuter fuq il-website 'Tagged' ma' nisa ohra u darba minnhom wara ir-ritorn tieghu tard fil-11:00pm mix-xoghol, qabdet lill-konvenut jara films pornografici fuq 'Sky Tv'; liema dispett irrepeta ruhu darbtejn ohra;

12. Illi l-Hamis, 25 ta'Gunju, 2015, il-konvenut informa lill-attrici illi l-ghada il-Gimgha, wara x-xoghol, flok iqatta' serata maghha, kien bi hsiebu imur 'party' ma' ohtu ad eskluzzjoni tal-attrici, u l-attrici ghal darba ohra imwegga' mill-konvenut f'inqas minn tliet xhur miz-zwieg bdiet tilmenta;

13. Illi dak il-hin stess, il-konvenut qabad u telaq mid- dar taz-zwieg biex gie lura l-ghada, stess halli sempliciment jiehu hwejjgu u mar joqghod fid-dar ta' ohtu in-Naxxar, fejn ghadu sa issa;

14. Illi fl-isfond tal-ugiegh emottiv li garbet kagun tal-attitudni u l-imgieba tal-konvenut u tad-dizappunt kbir tal-attrici li z-zwieg taghha sfaxxa, hija ghaddejja minn perjodu ta' depressjoni u tinsab taht il-kura tal-Psikjatra Dr Anton Grech;

15. Illi b' ittra numru 1441/15 a tenur tar-regolament nr 4 tal-Avviz Legali 397/2003, hija talbet l-awtorizzazzjoni tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), sabiex tibda kawza ta’ separazzjoni minn mal-konvenut;

16. Illi filwaqt li hija attendiet ghad-debiti seduti ta' medjazzjoni, il-konvenut ma deher qatt u b' digriet Nr. 154/16 tal-11 ta’ Jannar, 2016, l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna;

Illi hija taf 'b' dawn il- fatti ' di scientia propria'.

Ir-Raguni tat-talba

Ir-raguni tal-talba tikkonsisti kif gej:

Illi l-attur jahti kompletament ghall-firda bejn il-partijiet, billi bil-komportament tieghu ta' nuqqas totali, kontinwu u ininterrot ta' attenzjoni u kumpanija tul iz-zwieg mis-7 ta'April, 2015 sa ma telaq mid-dar matrimonjali fil-25 ta' Gunju, 2015, (komprensibilment u gustfikatament tant mixtiqin mill-attrici), liema nuqqas kien ulterjorment aggravat bl-attenzjoni li kien jaghti lil ohtu, b' 'chats' ma' nisa ohra u b' films pornografici, huwa ikkommetta mohqrija u offizi gravi kontra l-attrici.

Illi hija ghalhekk kellha taghmel din il-kawza biex titlob is-separazzjoni personali minn mal-konvenut u b'hekk thares id-drittiiiet taghha.

Ghaldaqstant, l-attrici umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dana unikament minhabba htija tal-konvenut, stante mohqrija u offizi gravi imwettqa minnu fil-konfront taghha.

2. Tordna it-telfien tad-dritt ta' abitazzjoni tal-konvenut fid-dar matrimonjali Flat 3, Nr. 86 'Olicia Buildings', Triq Santa Maria, Sliema, proprjeta` parafernali tal-attrici.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-artikolu 48 tal-Kodici Civili fit-totalita' tieghu.

4. Tordna, okkorrendo hatra ta' Perit Tekniku u / jew Legali, il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assenjazzjonijiet relattivi, b' dana li kull dejn li kull parti setghet inkorriet minn wara dahar il-parti l-ohra, jigi addebitat interament lil dik il-parti li kkontrattatu.

5. Tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

6. Tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghal kunjom xbubitha ta’ ‘ABELA'.

Salv li, filwaqt li l-attrici mhijiex qed titlob hlas ta' rata ta' manteniment, qed tirriserva dan id-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Jirrizulta mir-riferta, Fol 13 retro, li l-konvenut gie notifikat bir-rikors, digriet u l-Avviz tas-Smiegh fil-21 ta’ Marzu 2016, fir-residenza ta’ ohtu fin-Naxxar; id-dokumenti nghataw lil Anja B li ddikjarat li hi n-neputija tal-konvenut.
Il-konvenut, ghalkemm notifikat ma ppresenta ebda risposta, ma ipproduca l-ebda prova u baqa’ kontumaci.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2016 fejn il-Qorti nnominat l-Avukat Dottor Barbara O’Brien bhala Assistent Gudizzjarju, u gie dikjarat li l-konvenut kien kontumaci;

Rat in-nota tal-attrici tat-12 ta’ Mejju 2016 li maghha annettiet l-affidavit taghha, certifikat taz-zwieg bil-lingwa Serba u traduzzjoni ghall-Ingliz, certifikat ta’ divorzju tat-28 ta’ Lulju 2015 li nghata mill-Qorti fis-Serbia, kopja legali ta’ prokura li l-attrici tat lil Slavisa Vidic, kopja legali ta’ prokura moghtija mill-attrici in bjank, kopja tal-Att taz-Zwieg Numru 536/15 fir-Registru Pubbliku, kopja tad-digriet ta’ divorzju tat-8 ta’ Frar 2016 moghti mill-Qorti fis-Serbia, u traduzzjoni tal-istess digriet ghal-lingwa Ingliza;

Rat ix-xhieda tal-Psikjatra Dottor Anton Grech li xehed fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-attrici, ppresentata fis-26 ta’ April 2017, fejn ddikjarat li kienet qed taghazel li tirriverti ghall-kunjom xbubitha ‘Abela’;

Rat in-nota tal-attrici ppresentata fl-istess data, li permezz taghha ppresentat affidavit ulterjuri u dokumenti ohra cioe' xi FS3's taghha, dokumenti dwar l-impieg taghha, kopja ta' kuntratt pubblikat fit-28 ta' Settembru 2004 u zewg bank statements tal-Banif bank;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2017 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fit-12 ta' Mejju 2016, Fol 18, ikkonfermat li saret taf lill-konvenut f'nofs Ottubru 2014 peress li hu kien qed jahdem f'xoghol ta' kostruzzjoni fl-istess triq fejn toqghod hi, u billi ghamel xi xaharejn jahdem hemm saru familjari u fil-bidu ta' Dicembru 2014 bdew johorgu flimkien.

F'Jannar 2015 bdew jikkoabitaw fir-residenza propjeta' taghha, Flat 3, Nru 86, 'Olicia Buildings' Triq Santa Maria, Sliema. Tghid li tant kienet migbuda lejh u tant kienet kuntenta bir-relazzjoni mieghu, li wara biss erba' xhur, fis-7 ta' April 2015 izzewwgu f'Belgrade, is-Serbia. Iz-zwieg gie registrat f'Malta u mal-istess affidavit l-attrici ppresentat d-dokumenti relattivi. Kontra dak kollu li qatt setghat timmagina, malli rritornaw Malta u regghu marru joqghodu fl-appartament taghha r-relazzjoni taghhom bdiet tiddetterjora, minhabba l-attiduni tieghu fil-konfront taghha u zwieg sfaxxa kompletament wara biss tmenin gurnata.

Kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg hi kienet impjegata 'full time' mit-Tnejn sal-Gimgha sal-5.00pm. Hu kien jahdem fix-xoghol tal-kostruzzjoni partikolarment fix-xoghol tal-gypsum. Kellu hinijiet esageratament twal. Kien jahdem kull jum, inkluz il-Hdud, mis-7.00am sal-11.00pm. Matul il-gimgha meta kien jigi lura mix-xoghol tard fil-ghaxija hi tkun gia' ser tmur torqod billi kienet trid tqum ghax-xoghol l-ghada fil-ghodu, u fil-weekends l-anqas kienet tarah billi xorta kien jkun qed jahdem.

Kienet dejjem tixtieq il-kumpanija tieghu fil-ftit hin li jifdal mil-gurnata, pero' hu kien dejjem jirritorna tard, wara l-11.00pm, u flok jiehu shower malghajr kien iqatta' hin twil fil-kamra tal-banju jilghab xi games fuq il-mobile, minflokk joqghod maghha ghal ftit hin qabel jorqdu. Dan kien ftit gimghat biss wara z-zwieg. Hi kienet titolbu bil-hreqa biex isib hin liberu biex iqattghu flimkien, kienet anke issugerit li ma jibqax jahdem nhar ta' Hadd, pero' hu dejjem kien jghidlha li ma setghax jghamel mod iehor minhabba x-xoghol. Hi kienet thoss li kien importanti hafna ghaz-zwieg taghhom, li jqattghu hin flimkien, izda hu assolutament ma riedx jaf tant li darba qalilha "Don't pick on something stupid. Now it's a done deal. We're married". Hi tghid li kien urieha bic-car li ma kellhiex ghalfejn tixtieq jew tipprettendi l-kumpanija tieghu.

Damu jikkobitaw sal-25 ta' Gunju 2015, u tul dak iz-zmien hargu flimkiem fil-ghaxija darba biss, marru jieklu f'restaurant 'La Vela' Ta' Xbiex, tant kemm kienet insistiet hi. L-attrici ddikjarat li dik n-nhar hallset hi.  L-attrici kienet tixtri l-ikel hi, kienet issajjar u tahsillu l-hwejjeg u tara li ma jonqsu xejn. Darba xtratlu qmis u qalziet minn ghand il-Bortex u flok apprezza dan il-gest, r-reazzjoni tieghu kienet li kien immissha xtratlu tad-ditta 'Ralph Laurent'.
Damu jghixu flimkien ghal kwazi sitt xhur, minn Jannar 2015 sal-25 ta' Gunju 2015, meta telaq mid-dar matrimonjali. Ghal dan iz-zmien hu kien ikkontribwixxa €300 ghall-ispejjes generali tal-hajja ta' kull jum.

Iddikjarat li ma kienitx taf hu kemm kien jaqla mix-xoghol tieghu, ma kienitx tahseb li kien jaqla' hafna u ghalhekk ma kienitx qed tilmenta li kien ikkontribwixxa ftit ghall-ispejjes tal-hajja, pero' kienet taraha stramba, u kienet thossha mwegga' li hu kien jmantni lil ohtu Dusha Lia u lill-bintha. Ohthu kienet ilha 10 snin mizzewwga ma' wiehed Malti li kien jahdem l-Ingilterra.

Xhedet li taf li kien jghaddi l-flus lill-ohtu ghax diversi drabi sar diskors bejniethom  fejn talbitu flus ghall-ikel, quddiemha stess fid-dar ta' ohtu fin-Naxxar u kien hemm okkazzjonijiet meta rat lil zewgha jghaddi l-flus lil ohtu f'idejha .

Il-konvenut, tul it-tmenin gurnata li dam jghix mal-attrici, qatt ma kien isib hin ghaliha mentri ghal ohtu, apparti li kien jghinha finanzjarjament, kien dejjem dispost li jakkomodaha mill-ewwel ghal kull bzonn li kellha inkluz id-divertiment. Normalment hu kien jispicca x-xoghol fil-11.00pm u hi tkun ilha wahedha mill-5.30pm meta kienet tispicca hi mix-xoghol, pero' meta ohtu kienet titolbu jwassalha x'imkien hu kien jakkommodaha, u f'dawk l-okkazzjonijiet biss kien jirritorna d-dar aktar kmieni mis-soltu. L-attrici ma tilmentax mill-fatt li kien jwassal u jaqdi lil ohtu meta kellha bzonn, izda mill-fatt li ghaliha, li kienet martu ma kienx jsib hin. Anke meta ohtu kienet tipproponi okkazzjoni ta' divertiment, hu kien jaccetta mill-ewwel u kien jippreferixxi li jiddeverti ma' ohthu milli ma' martu. Hu kien qed jinjora u jwarrab lill-attrici minn hajtu. L-attrici kienet imwegga' ferm li l-konvenut kien jaghti priorita' lill-ohtu. Kienet thoss li ma kienx jridha billi qabditu darbtejn 'jiccattja' ma' nisa ohra fuq il-website 'tagged'. Hi kienet irrabbjat u argumentat mieghu. Darba ohra gie lura mix-xoghol bhas-soltu wara l-11.00pm, u hi baqghet tistennieh sakemm jiehu shower, pero' billi saru nofs il-lejl u baqa' ma marx, hi marret torqod billi l-ghada kellha x-xoghol. Hi f'hin minnhom qamet mis-sodda u sabitu fil-living room jara l-films pornografici fuq Sky TV. Talbitu jitfi t-television u jmur jorqod, izda hu biddel l-istazzjon u qalilha "Now I'll come". Kien hemm zewg okkazzjonijiet ohra meta qabditu jara films pornografici.

L-attrici tghid li hasset wega' u offiza kbira b'dawn il-films pero' baqghet kalma biex ma taghmilx hsara lir-relazzjoni taghhom ghalkemm kienet dispjacuta hafna li hu kien jippreferi l-pornografija milli jkollu relazzjonijiet intimi maghha.

Il-Hamis 25 ta' Gunju 2015 qalilha li kien ser jirritorna kmieni mix-xoghol billi l-ghada l-Gimgha kien ser jmur party ma' ohtu pero' lilha ma kienx ser johodha. Bdew jargumentaw u dak il-hin stess qabad u telaq mid-dar konjugali, l-ghada mar lura semplicement biex jigbor hwejjgu u mar jghix ghand ohtu in-Naxxar. Wara li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, l-attrici baqghet tittama li hu jirrealizza li kien importanti li jqattghu hin flimkien, tkellmu dwar dan izda hu baqa'assolutament ma riedx jaf.

L-attrici tant kienet dispjecuta b'din is-sitwazzjoni li waqghet f'depression u spiccat taht il-kura tal-psikjatra Dottor Anton Grech. Irrealizzat ukoll li kellha tissalvagwarda l-posizzjoni legali taghha u kellmet lill-Avukat Dottor Kenneth Cutajar u permezz tieghu ipproponiet lill-konvenut li ssir separazzjoni konsenswali.

Il-konvenut qalilha li ma riedx jasal ghal ebda ftiehim ghax ma riedx jaghamel spejjez u ssugerixxa li jottjenu divorzju minn pajjizu s-Serbia, procedura li ma kienitx tiehu zmien u setghet issir anke wara li l-koppja tkun ghadha kemm izzewwget. Peress li hi ma rieditx tmur is-Serbia hu ssugerilha li taghti prokura lill-kugin tieghu Slavisa Vidic. Billi l-konvenut qalilha li dan possibilment kien ser ikun imsiefer, l-avukat taghha ipprepara prokura ohra in bjank, u ghadda d-dokumenti originali l-ohra kollha lill-konvenut biex jottjeni d-divorzju f'pajjizu.

Peress li l-konvenut baqa' ma kkommunikax maghha bdiet tissuspetta li din kienet xi loghoba ohra da parti tieghu biex hi ma tipprocedhiex f'Malta u ghalhekk wara li kkonsultat ruhha mal-avukat iddecidiet li titlob ghall-awtorizazzjoni biex tippresenta il-kawza. Ftit wara il-konvenut qal lill-avukat li kien rcevijha pero' ma kienx ser jirrispondi billi kien ottjena d-divorzju u li dan gie registrat f'Malta, kif fil-fatt irrizulta mir-ricerki li saru fir-Registru Pubbliku.

L-attrici ddikjarat li indipendentement mid-divorzju, billi z-zwieg tkisser minhabba l-atteggjament u l-imgieba tieghu li jikkostitwixxu mohqrija u offiza gravi fil-konfront taghha, hi trid li tkompli tipprocedi bil-kawz ta' separazzjoni.

L-attrici kkonfermat li ma kellhomx tfal u li meta kienet mal-konvenut kienet tahdem ma' kumpanija tal-betting bl-isem 'My Bet' f'Ta'Xbiex u kellha paga net fix-xahar ta'€1,300, pero' f'Mejju 2016 wafqet minn dan l-impieg u bdiet tahdem ma' kumpanija bl-isem 'Agostea' kumpanija li tahdem fix-xoghol tat-tug boats u ghandha paga ta' €1,500 net fix-xahar.

Hi tghid li l-konvenut kien jahdem fix-xoghol tal-gypsum, ma tafx x'kien id-dhul tieghu minn dan ix-xoghol, pero'minn Dicembru 2015 ma baqax jahdem f'dan ix-xoghol u beda jiggestixxi restaurant bl-isem 'Baltazar' f'San Giljan. Qed titlob li japplika kontra il-konvenut dak li jiddisponi l-Artikolu 48 tal-Kap 16, u ghalkemm m'hiex qed titlob manteniment qed tirrizerva dan id-dritt.

Id-dar matrimonjali fejn tirrisjedi hi propjeta' parfernali taghha u ghalhekk qed titlob li l-konvenut jitlef kull dritt ta' abitazzjoni fl-istess fond.

Hi ddikjarat li ma ghandha xejn imgemma' billi thallas Euro 700 fix-xahar repayment tal-loan biex xtrat il-flat u l-bilanc ta' Euro 600 kienet tonfqu fuq bzonnijiet normali bhal dawl, ilma, telephone, mobile, internet u Skt TV.

Hi kkonfermat li waqt z-zwieg ma xtraw xejn u ghalhekk ma hemm xejn x'jinqasam bhala komunjoni tal-akkwisti. Sa fejn taf hi ma hemmx djun tal-komunjoni tal-akkwisti, pero' jekk il-konvenut ghamel xi dejn u hi ma tafx bih, dan ghandu jkun interament a kariku tieghu.

Finalment ikkonfermat li dak kollu li hu taghha jinsab fil-pussess taghha u dak kollu li hu parafernali tieghu jinsab fil-pussess tieghu.

Il-Psikjatra Dottor Anton Grech, Fol 41, ikkonferma li l-attrici hi pazjenta tieghu u ilu jaraha regolarment minn Gunju 2015. Hi tbaghti minn *depression* ikkawzata minn *affective disorder*. Hu kkonferma li fil-psikjatrija hu difficili li tiddertermina il-kawza tad-depression pero' hu signifikanti l-fatt li qabel ma bdiet tikkonsulta ruhha mieghu sfaxxa z-zwieg taghha. Il-proceduri fil-Qorti ma humiex ta' ghajnuna biex tohrog minn din il-kondizzjoni u aktar ma dawn jintemmu malghajr jkun aktar ahjar ghall-attrici. Is-separazzjoni kellha effett sinjifikanti fuq l-istat mentali taghha.

L-attrici, fl-affidavit ulterjuri taghha tal-24 ta' April 2017, Fol 48, ikkonfermat li qabel izzewwget fis-7 ta' April 2015 hi dejjem hadmet 'full time' ma' diversi kumpaniji bhala segretarja jew f'ufficju. B'korrezzjoni ghal dak li ddikjarat fl-affidavit precedenti, pprecizat li l-paga gross taghha fix-xahar kienet ta'Euro 1666.67 u mhux ta' Euro 1,500 u wara t-tnaqqis tat-taxxa u bolol jibqa' net ta' Euro 1352.90.

Dwar id-dejn li ghandha, l-attrici kkonfermat li meta xtrat il-flat taghha f'Tas-Sliema fin-1999 kienet ghamlet loan mal-Bank of Valletta, fit-2004 dan il-Bank thallas il-bilanc dovut mill-HSBC Bank Malta plc u ghalhekk hi saret debitrici ta' dan il-Bank. Fis-7 ta' April 2015 saret debitrici tal-Banif Bank li hallas il-bilanc li kien dovut lill-HSBC Bank Malta plc. Mal-Banif Bank ghamlet zewg loans ohra

biex taghmel miljoramenti fl-appartament taghha. Id-dejn totali taghha mal-Banif Bank hu ta' Euro72,865.16.

Dawn id-djun tal-attrici kollha saru qabel iz-zwieg taghha mal-konvenut. Hi ghallhekk kull xahar thallas nofs l-paga €650 cirka bhala repayment tal-loan u l-kumplament tonfqu ghall-ghixien taghha fosthom spejjes ta' ikel, petrol, internet u dawl u l-ilma.
Finalment iddikjarat li ghadejja minn mument difficli ta' sahha billi kienet qed taghmel kors ta' 'chemo therapy'.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici qed tipprocedi b'kawza ta' separazzjoni personali kontra il-konvenut zewgha. Huma izzewggu f'Belgrade, Serbia fis-7 ta' April 2015 wara li kien ilhom xi tlett xhur jikkoabitaw. Iz-zwieg taghhom gie registrat f'Malta, kif konfermat mid-Dok B Fol 7. Fit-8 ta' Frar 2016 nghata digriet ta' divorzju mill-Qorti Civili f'Belgrade, Serbia. B'Annotazzjoni tat-23 ta' Marzu 2016, din l-informazzjoni giet registrata fl-Att taz-Zwieg tal-partijiet tar-Registru Pubbliku ta' Malta, Dok RM5 Fol 29.

Sfortunatament ghall-attrici dik ir-relazzjoni felici li kellhom qabel z-zwieg, spiccat kompletament malli zzewwgu. L-attrici ddikjarat li ma setghetx temmen kif l-atteggjament tal-konvenut fil-konfront taghha tbiddel kompletament wara z-zwieg. Dak li gara wara zwieg qatt ma seta' jigi anticipat mill-attrici, billi f'dawk l-ewwel tlett xhur, qatt ma' kien hemm xi hjiel jew l-icken indikazzjoni li r-relazzjoni taghhom setghet tiddeterjora.

Immedjatament wara z-zwieg pero', l-konvenut prattikament qata' kull kumunikazzjoni mal-attrici. Minn hajja felici qabel iz-zwieg, l-attrici sabet ruhha kompletament abbondanata minn zewgha wara z-zwieg. Il-konvenut kien kull jum jirritorna tard mix-xoghol, xi l-11.00pm, inkluz is-Sibt u l-Hadd u ma kienx iffittex il-kumpanija taghha. Hi tkun ilha sieghat shah tistennih u hu flok jinhasel u jmur hdejha kien intenzjonalment jibqa' fil-kamra tal-banju jilghab xi games fuq il-mobile, propju biex jevita kull kuntatt maghha. L-partijiet spiccaw l-anqas biss jikellmu, u wisq anqas jinhabbu.

Il-konvenut wera disrispett gravi fil-konfront tal-attrici billi apparti li kien jcahhadha minn kull intimita', f'diversi okkazzjonijiet qabditu jara films pornografici u jikkomunika ma' nisa ohra fuq l-internet. Il-konvenut qatt ma kellu hin ghaliha, qatt ma kien jakkomodaha f'xejn, mentri jekk ohtu titolbu xi haga kien jaqdiha fil-pront. Dan apparti l-fatt li skond l-attrici, l-konvenut kien

qed imantni lill-ohtu u lill-bintha. Anke fid-divertiment, kien jippreferixxi l-kumpanija ta' ohtu minn dik ta' martu.

Kienet propju okkazzjoni ta' din n-natura li wasslet ghat-tmiem tar-relazzjoni taghhom, meta il-Hamis 25 ta' Gunju 2015 qalilha li l-ghada l-Gimgha, kien ser jieqaf kmieni mix-xoghol biex jmur party ma' ohtu u mhux maghha. Hi naturalment ipprotestat u r-reazzjoni tieghu kienet li qabad u telaq mid-dar matrimonjali. Irritorna l-ghada biex jiehu hwejjgu u mar jghix ghand ohtu in-Naxxar. Il-partijiet izzewwgu fis-7 ta' April 2015 u ftit aktar minn xaharejn wara, fil-25 ta' Gunju tal-istess sena, l-konvenut abbanduna permanentement d-dar matrimonjali.

Ikkonsidrat;

Skond l-**Artikolu 40 tal-Kap. 16** "Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddied jew offizi gravi tal-parti l-ohra ……"

Fil-kawza fl-ismijiet "Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud" deciza mill-Prim Awla talQorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 ntqal hekk 'inter alia' dwar l-ingurji gravi:

"L-ingurji gravi ma gewx specifikatament dezinjati mid-dottrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagazja u l-kuxjenza tal-Imhallfin sabiex jivvalutawhom".

Fil-kaz in ezami kienet ingurja gravi da parti tal-konvenut li jcahhad lill-attrici minn kull intimita' u biex jkompli jiggrava ulterjorment is-sitwazzjoni, joqghod jara l-films pornografici u jikkomunika ma' nisa ohra fuq l-internet, u dan meta ftit xhur biss qabel kellhom relazzjoni eccellenti ta' intimita'. Tant kienet sitwazzjoni gravuza ghall-attrici li dahlet f'depression.

Din kienet xejn anqas minn mohqrija psikologika u emozzjonali da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici.

Kienet ukoll ingurja gravi fil-konfront taghha meta l-konvenut kien ferm aktar interessat f'ohtu u bintha milli mill-attrici martu. Mal-attrici qatt ma kellu hin ghaliha, l-anqas biex johorgu flimkien, tant, li skond l-attrici hargu darba wahda biss, marru jieklu f'restaurant, wara hafna insistenza da parti taghha, u spiccat biex hallset hi. Qatt ma kellu l-hin biex johrogha tiddeverti jew ghal xi party, mentri ghall-ohtu sab il-hin biex jaghmel dan, u sfaccatament ipprettenda li seta jiehu lill-ohtu u mhux lill-martu.

Offiza gravi ohra da parti tieghu kien in-nuqqas prattikament totali li jikkontribwixxi finanzjarjament ghall-ispejjes tal-hajja. Kull ma hallas skond l-attrici x-xhur kollha li damu jikkoabitaw kienu €300. Kien diga’ nuqqas kbir da parti tieghu li jonqos li jikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-hajja matrimonjali, izda li minflokk jmantni lill-othu, mara mizzewga u bintha hu nuqqas ferm aktar gravi. Finalment ddecida li jabbanduna lill-attrici, instintivament u permanentement, semplicement ghax hi, kif kellha kull dritt li taghmel, ipprotestat mieghu meta ddecida li johrog ma' ohtu u mhux maghha.

Ghall-korrettezza, l-attrici qed tallega mohqrija u offizi gravi da parti tal-konvenut, mhux l-abbandun. Pero’ il-fatt li hu rreagixxa b’dak il-mod, cioe’ ghax ried li taghddi tieghu, qabad u telaq impulsivament, u mar jghix ghand ohtu (hlief li l-ghada mar lura biex jigbor hwejjgu), tali reazzjoni hi indikazzjoni cara tal-komportament tieghu, cioe’ li kien kompletament passiv u insensittiv ghall-emozzjonijiet u x-xewqat tal-attrici martu.

Indubbjament l-konvenut kien unikament responsabbli ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut,

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan unikament bi htija tal-konvenut stante l-mohqrija u l-ingurji gravi minnu mwettqa fil-konfront tal-attrici;

2. Tilqa’ it-tieni talba attrici u tiddikjara li l-konvenut ma ghandhux dritt jabita fid-dar matrimonjali 86, Flat 3, Olicia Buildings, Triq Santa Maria, Sliema, propjeta’ parafernali tal-attrici;

3. Tilqa’ it-tielet talba tal-attrici u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kolllha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

4. Tilqa’ ir-raba u l-hames talba attrici, tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, u fir-rigward tal-likwidazzjoni u divizzjoni tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti tiddikjara illi l-assi li jinsabu fil-pussess tal-attrici ghandhom jigu assenjati lilha fl-intier taghhom filwaqt li l-assi li jinsabu fil-pussess tal-konvenut ghandhom jigu assenjati lilu fl-intier taghhom. Kull parti hi responsabbli ghad-djun li kkuntrattat dik il-parti;

5. Tilqa’ is-sitt talba tal-attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti għal kunjom xbubitha ‘Abela’.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imħallef** **Deputat Registratur**